MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1308/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta Londra, Ingilterra**

**vs**

**Pierre Nani**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta Gunju 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u tletin lira Maltin (Lm238.00) rapprezentanti sentejn *Royalty* dovuta bil-quddiem ghal perijodu 6 ta Novembru 2002 sal-5 ta' Novembru 2004 in konnessjoni mal-Licenzji numri 011627 u 011628 (Dok. 'A' u Dok. 'B') rilaxxjati mis-socjeta' attrici favor il-konvenut b'liema icenzji l-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-

istabbiliment “Maestro e Fresco” Valletta, liema ammont jinkludi wkol it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.
Bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-itri legal ital-31 ta Jannar 2003 u tal-31 ta Jannar 2004, kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta Mejju 2003, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u milli jipprezenta Rispossta.

Sema’ x-xhieda tal-PL Josette Attard in rapprezentanza tas-socjeta attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant a tenur tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 u peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tmienja u tletin lira Maltin (Lm238.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta Mejju 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------